# RADD TA' HAJR

Mal-aħħar jum ta' Diċembru, li warajh tiftaħ Sena Ġdida, inkunu għalaqna *seba' snin* li ilna noħorġu dan il-Qari tagħna. Seba' snin, m'hux ħażin, ġibda waħda, bla ma ltqajna ma' ebda saram. Ngħiduha kif inhi, konna bdejna dan ix-xogħol b'qalbna ttaqtaq, u bi ftit li xejn tama li nkunu nistgħu nimxu 'l quddiem. Konna sikwit insaqsu lilna nfusna: "Kif sa tkun milqugħa, din ir-Rivista tagħna, fost għadd hekk kbir ta' Rivisti oħra, ta' kull xahar, li jixxandru minn Xirkiet u Għaqdiet oħra Reliġjużi?" U mbagħad: "Inkunu nistgħu nsibu kittieba ta' rieda tajba li jagħtuna daqqa t'id, u jgħinuna fittiswir tal-ħarġiet tagħna?" U flaħħar: "Inkunu nistgħu nlaħħqu mal-infiq li jeħtieġilna?" Dawn ittliet mistoqsijiet kienu dawk li jaqtgħulna qalbna u jnaqqsulna l-ħeġġa.

Imma, ħajr minn qalbna nroddu 'l Mulej, li jista' kollox, u li dejjem jgħin lil dawk li fih jittamaw. Bissaħħa tal-aħjar kittieba għorrief u mħarġin fit-tagħlim u fil-Lsien ħlejju tagħna Malti, li minn qalbhom tawna l-għajnuna fejjieda tagħhom, aħna stajna negħelbu kull tfixkil, inneħħu kull biża', u bil-ħeġġa kollha nimxu 'l quddiem u nagħtu Dawl fuq l-Imkejjen Imqaddsa u niġbdu l-qalb ta' ħutna għall-Imħabba u l-Qima lejn l-Art tal-Fidwa tagħna.

Il-lum din ir-Rivista tagħna daħlet f'eluf ta' djar: minn kull ħadd mistennija, minn kull ħadd imfittxa. Tinqara mill-Kleru dehni tagħna u minn kull xorta ta' nies, għorrief u u m'humiex. L-ewwel elf li konna tbajna, kien għab kemm trodd salib; sena wara sena kellna nżidu fil-għadd u llum wasalna li niġbdu minn kull ħarġa qrib erbat-elef (4,000) kopja, li kollha jixterdu, u minnhom ma jibqalna xejn.

Għal daqs hekk ma hix ħaġa talgħaġeb li ma' tul dawn is-snin ir-Rivista tagħna qalgħet, min-nies li jifhmu, tifħir u ġiħ, sew bil-kitba kemm bil-kliem, sew Maltin kemm barranin. Tifħir ta' dil-għamla waslilna minn Xirkiet ta' tagħlim, mill-Ġermanja u mix-Xerq. B'dan nixtiequ li jkunu mgħarrfa l-qarrejja tagħna, *propter bonum aedificationis et ad majorem Dei Gloriam.*

Għalhekk nibqgħu nafuhulhom, u minn qalbna nroddu ħajr, lil dawk kollha li tawna l-għajnuna tagħhom. Fosthom u qabel kull ħadd, lis-sur Luretu Cutajar, li ħadem b'ħeġġa liema bħalha għat-twaqqif ta' dir-Rivista, u li għal daż-żmien kollu kien ir-ruħ u l-qalb tat-tiswir tagħha. Li kieku ma kienx is-sur Cutajar, ma nafx jekk *Leħen l-Art Imqaddsa* kenitx tara d-dawl tad-dinja. Imbagħad il-ħajr tagħna jmur lil Mons. Professur P.P. Saydon, B. Lit., D.D., Lic. S. Script., li malli tlabnieh li jiktbilna xi ħaġa għar-Rivista mill-ewwel qalilna iwa, u mill-ewwel għadd tat-tieni sena sal-lum, ma naqas qatt li jżejjen in-naqra ta' Rivista żgħira u fqira tagħna b'xi ġawhra tal-kitba għarfa u meqjusa tiegħu. Inroddu ħajr ukoll lil Professur Patri Serafin M. Zarb, O.B.E., S.Th.M., S.S.D. (Vat), O.P., Majjistru u Provinċjal, talli ma rahiex bi kbira li jżejjen ir-Rivista tagħna b'sensiela ta' sitt artikli mill-isbaħ fuq il-Kotba Mqaddsa u b'qalbu kollha tagħna l-permess li nxandru fuqha kull xorta ta' kitba

tiegħu li jidhrilna li tgħodd għal qarrejja tagħna. Hekk ukoll inroddu ħajr minn qalbna lir-Reverendu Professur Dun Karm Sant, B.A., Lic.D., Lic.S. Script., mill-erba' artikli fuq il-Manuskritti ta' Qumran li kitbilna, u li issa wkoll qiegħed jagħtina tifsir ħafif u ċar kif inħobbuh aħna, fuq il-mawra tiegħu fl-Art Imqaddsa fis-sena 1956; ħajr ukoll inroddu lil P. Gwidu Schembri O.F.M. Lic. Script, li għamel żmien Ġerusalem, għall-artikli sbieħ u fejjeda li bosta drabi kitbilna; niżżu ħajr ukoll lil Dun Fortunat Mizzi għall-artiklu sabiħ tiegħu fuq l-Evanġelju ta' San Mattew. Niżżu ħajr ukoll lil Dun Ġużepp Cauchi, Kappillan ta' S. Bastjan, u lil Professur D. Anton Tabone u lill-oħrajn kollha li bil-kitba tajba u fejjieda tagħhom ġibdu lejna lill-għadd kbir ta' qarrejja tagħna.

Il-Barka tar-Rev.mu Patri Ġenerał tal-Ordni tagħna, mogħtija lil dawk kollha li b'xi mod għenu lir-Rivista, tkun rahan ta' riżq u ġid għal ma' tul is-Sena l-Ġdida, u dejjem f'din id-dinja; u tal-hena ta' bla tmiem fl-oħra.

P. NIKOLA MAGRO O.F.M.
*Kumissarju tat-Terra Santa.*

---

# IL-QATTUS TA' FRA TUMAS

Fil-knisja l-kbira tar-Rhieb Franġiskani ta' San Salvatur f'Ġerusalem kien hemm sagristan wieħed Ajk Jugoslav, jismu Fra Tumas (kien ħabib tiegħi u dil-ġrajja hu qalhieli). Dan kull sena għal Milied kien jarma Presepju kbir ġewwa bħal kamra tinfed għal knisja, ftit 'l isfel mill-Presbiterju. Il-pasturi ta' dal-Presepju kienu kbar, qishom tfal ta' xi tlet snin u l-iġmla daqs il-mogħoż. Il-Bambin mimdud ġewwa l-magħlef kien fih xi nofs xiber. Mela darba għal ħabta tal-Milied Fra Tumas kien rama l-Presepju u fil-għodu kmieni, kif fetah il-knisja, mar jixgħel id-dawl quddiemu. Kif resaq, ġewwa l-magħlef, flok il-Bambin, ra mimduda ħaġa sewda b'żewġ għajnejn ħodor jiddu donnhom xrar tan-nar.

Fra Tumas twerwer u telaq jiġri jqajjem lil-Kurat, Patri Hermes Kahout. Qallu: "Fil-Presepju hemm ħaġa sewda donnha ta' barra-minnhawn; ejja miegħi ħalli naraw x'inhi!" U l-Kurat qabad l-istola u ftit ilma mkierek u mar mal-Ajk. Daħlu l-knisja u resqu quddiem il-Presepju u tassew kien hemm mimduda ħaġa sewda. Patri Hermes raxxha bl-ilma mbierek. Il-ħaġa qabżet mill-magħlef u telqet tiġri 'l barra! Taf x'kienet? Kienet qattus, li qaleb lil Bambin u raqad minn floku!

Dil-ġrajja fiha tixbiha. Għax hawn ħafna nies li donnhom iridu joqogħdu flok il-Bambin Jgħidulek: "Dan m'hux dnub, għal hekk u għal hekk". Imma dnub hu kull ksur ta' amar Alla; għax min qal: *La toqtol,* qal ukoll: *La tisraq, La tigdeb u La tiżni*!

**ELSIE**

---

Is-Sinjura VINCENZA DEBONO mill-Belt tagħti £1.0.0. b'ħajr lill-Madonna Addolorata tal-Kalvarju għall-fejqan li qagħlet minn għandha f'marda qalila.